REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/520

tal-31 ta' Marzu 2022

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1418/2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 37(2), it-tielet sentenza.

Billi:

(1) L-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 ([2]) ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/1840 ([3]).

(2) Skont l-Artikolu 37(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, meta dak l-Anness ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/1840, il-Kummissjoni qieset it-tweġibiet rispettivi li rċeviet mill-Indja u mill-Moldova għat-talba bil-miktub tagħha. L-Indja sussegwentement iddikjarat bil-miktub li l-informazzjoni pprovduta fit-tweġiba tagħha rigward is-subentrata B3020 ma kinitx tirrifletti l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri eżistenti, li ma kinux jipprojbixxu l-importazzjonijiet ta' dak l-iskart. Għalhekk, l-Indja talbet li l-proċedura għas-subentrata B3020 tinbidel mill-għażla (a) għall-għażla (d).

(3) Il-Moldova sussegwentement iddikjarat bil-miktub li l-informazzjoni fit-tweġiba tagħha rigward subtaqsimiet ta' diversi entrati ma kinitx tirrifletti l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri eżistenti, li ma kinux jipprojbixxu l-importazzjonijiet ta' dawk is-subkategoriji ta' skart. Għalhekk, il-Moldova talbet li l-proċedura għas-subkategoriji speċifikati tal-kodiċijiet tal-iskart B1010, B1200, B2020, B2110, B3011, B3020, B3030 u B3060 jenħtieġ li tiġi trasferita mill-għażla (a) għall-għażla (d).

(4) Fiż-żmien tal-emenda, iċ-Ċilì kien elenkat b'mod skorrett fir-Regolament (KE) Nru 1418/2007 bħala li jappartjeni għal dawk il-pajjiżi li għalihom ma tapplikax id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali ta' skart destinat għal operazzjonijiet ta' rkupru. Fl-10 ta' April 2018, il-Kunsill tal-OECD approva l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ambjentali dwar il-konformità taċ-Ċilì ma' din id-Deċiżjoni tal-OECD. Konsegwentement, l-Artikolu 37(2) tar- Regolament (KE) Nru 1013/2006 m'għadux applikabbli għaċ-Ċilì u t-tabella għaċ-Ċilì jenħtieġ li titħassar mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1418/2007.

(5) Fiż-żmien tal-emenda, il-kodiċijiet tal-iskart B3010 u GH013 kienu elenkati fit-tabella għall-Alġerija. Meta r-Regolament (KE) Nru 1418/2007 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/1840, il-kodiċi tal-iskart GC040 ġie elenkat fit-tabella għat-Tajlandja. Dawn il-kodiċijiet m'għadhomx jintużaw u għalhekk jenħtieġ li jitħassru mill-Anness tar-Regolament (KE) 1418/2007.

(6) Il-punteġġatura fit-tabelli għat-Tajpej Ċiniż u l-Liberja hija inkonsistenti. Fit-Tabella għat-Tajpej Ċiniż, il-kolonna (b) "B1030 - B1031" jenħtieġ li tinqara "B1030; B1031", biex tkun skont ir-regoli dwar il-qari tal-Anness. Fit-Tabella għal-Liberja, il-kolonna (a) "- B1010 - B1250" jenħtieġ li tinqara "B1010 - B1250", biex tkun konsistenti mar-regola għall-qari tal-kolonna (b).

([1]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 tad-29 ta' Novembru 2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali tal-iskart ma tapplikax (ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1840 tal-20 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1418/2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax (ĠU L 373, 21.10.2021, p. 1).

(7) Sabiex jiġu kkorreġuti dawn l-iżbalji u meta jitqies l-impatt fuq l-operaturi ekonomiċi, l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

(8) Meta wieħed iqis il-ħtieġa urġenti li jerġgħu jibdew il-vjeġġi tal-iskart ikkonċernat lejn l-Indja u l-Moldova, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) It-tabella għall-Alġerija hija sostitwita b'dan li ġej:

"**L-Alġerija**

(a)	(b)	(c)	(d)
Entrati għall-iskart uniku			
			B1010 — B1020
B1030			
			B1031
B1040			
			B1050
B1070 — B1220			
			B1230 — B1240
B1250 — B2020			
minn B2030: — Fibri b'bażi ta' ċeramika li ma humiex speċifikati jew inklużi fi bnadi oħra			minn B2030: — Skart u ruttam taċ-ċermit (komposti tal-metall u taċ-ċeramika)
B2040 — B2130			
B3020			
			B3030 — B3035
B3040 — B3065			
B3080			
B3100 — B4030			
GB040 — GC050			
			GF010
GG030			
			GG040"
GN010			
GN030			
Taħlitiet ta' skart			
L-iskart kollu mniżżel fl-Anness III u t-taħlitiet ta' skart imniżżla fl-Anness IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006			

(2) It-tabella għaċ-Ċilì titħassar.

(3) Fit-Tabella għat-Tajpej Ċiniż, it-tielet ringiela, it-tieni kolonna,

"B1030 — B1031" hija sostitwita bi "B1030; B1031".

(4) It-tabella għall-Indja hija sostwita b'dan li ġej:

"**L-Indja**

(a)	(b)	(c)	(d)
			Minn B1010: Skart tal-metall u tal-liga tal-metall f'forma metallika mhux dispersibbli: — Ruttam tat-torju — Ruttam tal-metalli tal-materjali tal-art rari Minn B1010: Skart tal-metall u tal-liga tal-metall f'forma metallika mhux dispersibbli: — Metalli prezzjużi (id-deheb, il-fidda, il-grupp tal-platinu, iżda mhux il-merkurju) — Ruttam tal-ħadid u tal-azzar — Ruttam tar-ram — Ruttam tan-nikil — Ruttam tal-aluminju — Ruttam taż-żingu — Ruttam tal-landa — Ruttam tat-tungstenu — Ruttam tal-molibdenu — Ruttam tat-tantalju — Ruttam tal-manjeżju — Ruttam tal-kobalt — Ruttam tal-bismut — Ruttam tal-titanju — Ruttam taż-żirkonju — Ruttam tal-manganiż — Ruttam tal-ġermanju — Ruttam tal-vanadju — Ruttam tal-afnju, tal-indju, tan-nijobju, tar-renju u tal-gallju — Ruttam tal-kromu
			B1020
			B1030
			B1031
			B1040
			B1050: Metall mhux ferruż imħallat, ruttam frazzjonali tqil, li fih il-kadmju, l-antimonju, iċ-ċomb u t-tellurju B1050: Metall mhux ferruż imħallat, ruttam frazzjonali tqil, li fih metalli ħlief dawk speċifikati
			B1060
			B1070
			B1080

			B1090
			Minn B1100: Skart li fih il-metalli li jiġi mit-tidwib u mir-raffinar tal-metalli: — Żingu iebes mhux pur (spelter) — Ħmieġ tal-metalli li fih iż-żingu — Ħmieġ ta' fuq ta' biċċiet taż-żingu tal-iggalvanizzar (> 90 % Zn) — Ħmieġ ta' isfel ta' biċċiet taż-żingu tal-iggalvanizzar (> 92 % Zn) — Ħmieġ taż-żingu fil-pressofunditura (> 85 % Zn) — Ħmieġ ta' biċċiet taż-żingu li ġej minn magna tal-iggalvanizzar f'banju sħun (lott) (> 92 % Zn) — Xkumi taż-żingu — Xkumi tal-aluminju minbarra l-gagazzi tal-melħ
B1115			
			B1120 — B1240
B1250			
			B2010 — B2100
B2110 — B2130			
			B3020
B3026			
			B3027
			Minn B3030: — Skart tat-tessuti. Il-materjali li ġejjin, sakemm ma humiex imħalltin ma' skart ieħor u huma ppreparati għal speċifikazzjoni: — Skart tas-suf jew tal-pil fin jew aħrax tal-annimali, inkluż l-iskart tar-raden iżda minbarra l-istokk imrixtel — suf qasir jew pil fin tal-annimali — skart ieħor tas-suf — jew tal-pil fin tal-annimali — skart tal-pil aħrax tal-annimali — Skart tal-qoton (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-istokk imrixtel) — skart tal-ħjut (inkluż l-irmixk tal-ħajt) — stokk imrixtel — oħrajn — Rmixk u skart tal-kittien

			— Rmixk u skart (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-istokk imrixtel) tal-qanneb ta' veru (Cannabis sativa) — Rmixk u skart (inkluż l-skart tal-ħjut u stokk imrixtel) ta' ġuta u fibri tessuti ta' tilju oħrajn minbarra l-kittien, il-qanneb ta' veru u r-rami) — Rmixk u skart (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-istokk imrixtel) tas-sisal u ta' fibri ta' tessuti oħrajn tal-ġeneru Agave — Rmixk, suf qasir u skart (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-istokk imrixtel) tal-ġewż tal-Indi — Rmixk, suf qasir u skart (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-istokk imrixtel) tal-abaca (il-qanneb ta' Manila jew Musa textilis Nee) — Rmixk, suf qasir u skart (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-istokk imrixtel) ta' rami u ta' fibri ta' tessuti oħra magħmula mill-ħxejjex, li ma humiex speċifikati jew inklużi fi bnadi oħra — Skart (inkluż is-suf qasir, skart tal-ħjut u stokk imrixtel) ta' fibri magħmulin mill-bniedem — ta' fibri sintetiċi — ta' fibri artifiċjali — Ilbies imkagħbar u oġġetti oħra tat-tessuti mkagħbra — Ħwejjeġ ġa milbusa u oġġetti oħra tat-tessuti ġa milbusa ċaret użati, ruttam tal-ħbula, ħbula, ħbula u fili u oġġetti użati sal-aħħar tal-ħabel, lenzi, jew fili magħmulin minn materjal tessili: — isseparati — oħrajn
			B3035 — B3060
B3065			
			B3070 — B3130
			B3140: Skart ta' tajers pnewmatiċi u tajers oħra, minbarra dawk li ma jwasslux għall-irkupru tar-riżorsi, għar-riċiklaġġ, jew għar-reklamazzjoni iżda mhux għar-riutilizzazzjoni diretta B3140: Tajers tal-inġenji tal-ajru esportati lill-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali biex jingħataw wiċċ ġdid u li jerġgħu jiġu importati wara li jingħataw wiċċ ġdid mil-linji tal-ajru għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u li jibqgħu jew abbord jew taħt il-kustodja tal-imħażen tal-linji tal-ajru rispettivi li jinsabu fiż-żona tal-ajru taż-żoni taħt kontroll doganali

			B4010 — B4030
			GB040 Gagazzi mill-ipproċessar ta' metalli prezzjużi u tar-ram għal iżjed raffinar 262030 262090 — Skart tal-kisi minn ġewwa tar-refrattarji, inkluż il-griġjoli, li jorigina mit-tidwib tar-ram — Gagazzi mill-ipproċessar ta' metalli prezzjużi għal iżjed raffinar — Gagazzi tal-landa li fihom it-tantalju li fihom inqas minn 0,5 % landa
			GC010 Muntaturi elettriċi li jikkonsistu biss f'metalli jew ligi
			GC020 Ruttam elettroniku (eż. bords ta' ċirkwiti stampati, komponenti elettroniċi, wajers, eċċ.) u komponenti elettroniċi reklamati li huma tajbin għall-irkupru ta' metall komuni u metall prezzjuż
			GG040"

(5) Fit-Tabella għal-Liberja, l-ewwel kolonna (kolonna a), "— B1010" u "— B1250" hija sostitwita bi "B1010 — B1250". Kif xieraq, "-B3011" hija sostitwita bi "B3011".

(6) It-tabella għall-Moldova hija sostwita b'dan li ġej:

"**Il-Moldova (Ir-Repubblika tal-Moldova)**

(a)	(b)	(c)	(d)
L-iskart kollu mniżżel fl-Anness III u t-taħlitiet ta' skart imniżżla fl-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 ħlief: Minn B1010: Skart u fdal tal-ħadid fondut, ħadid jew azzar Minn B1200: Gagazza granulata tal-kalkara tal-blast (ramel tal-gagazza) mill-manifattura tal-ħadid fondut grezz, ħadid jew azzar Minn B2020 u GE020: Tkissir u skart u fdal ieħor tal-ħġieġ; ħġieġ bil-gozz: — Tkissir u skart u skrapp ieħor tal-ħġieġ (li ma fihx sustanzi perikolużi)			Minn B1010: Skart u fdal tal-ħadid fondut, ħadid jew azzar Minn B1200: Gagazza granulata tal-kalkara tal-blast (ramel tal-gagazza) mill-manifattura tal-ħadid fondut grezz, ħadid jew azzar Minn B2020 u GE020: Tkissir u skart u fdal ieħor tal-ħġieġ; ħġieġ bil-gozz: — Tkissir u skart u skrapp ieħor tal-ħġieġ (li ma fihx sustanzi perikolużi)

(a)	(b)	(c)	(d)
Minn B2110: Tajn aħmar (residwu tal-boksajt) Minn B3011: Polietilen b'densità inqas minn 0,94 Polimeri tal-etilen Minn B3020: Karta jew kartun riċiklabbli (skart u fdal): — Karta b'saħħitha kannella (kraft paper) jew kartun jew karta jew kartun immewġin mhux ibbliċjati — Karta jew kartun oħrajn, magħmulin prinċipalment minn polpa kimika bbliċjata, mhux ikkuluriti fil-massa — Karta jew kartun magħmulin prinċipalment minn polpa mekkanika (eż. gazzetti, perjodiċi u materjal ieħor stampat): — Gazzetti u perjodiċi qodma u mhux mibjugħin, direttorji tat-telefown, brochures u materjal ta' reklamar stampat — Oħrajn, inklużi skart u laqx mhux magħżulin: — Mhux magħżula (jiġifieri l-produzzjoni u l-iskart domestiku ta' diversi tipi ta' kartun, karta bajda u kkulurita) — Magħżula (jiġifieri biċċiet ta' karta) Minn B3030: Skart tal-qoton (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-istokk imrixtel) Minn B3060: Skart tat-tabakk (rib tat-tabakk) Karfa tal-inbid Tartar mhux ipproċessat			Minn B2110: Tajn aħmar (residwu tal-boksajt) Minn B3011: Polietilen b'densità inqas minn 0,94 Polimeri tal-etilen Minn B3020: Karta jew kartun riċiklabbli (skart u fdal): — Karta b'saħħitha kannella (kraft paper) jew kartun jew karta jew kartun immewġin mhux ibbliċjati — Karta jew kartun oħrajn, magħmulin prinċipalment minn polpa kimika bbliċjata, mhux ikkuluriti fil-massa — Karta jew kartun magħmulin prinċipalment minn polpa mekkanika (eż. gazzetti, perjodiċi u materjal ieħor stampat): — Gazzetti u perjodiċi qodma u mhux mibjugħin, direttorji tat-telefown, brochures u materjal ta' reklamar stampat — Oħrajn, inklużi skart u laqx mhux magħżulin: — Mhux magħżula (jiġifieri l-produzzjoni u l-iskart domestiku ta' diversi tipi ta' kartun, karta bajda u kkulurita) — Magħżula (jiġifieri biċċiet ta' karta) Minn B3030: Skart tal-qoton (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-istokk imrixtel) Minn B3060: Skart tat-tabakk (rib tat-tabakk) Karfa tal-inbid Tartar mhux ipproċessat"
Taħlitiet ta' skart			
It-taħlitiet ta' skart kollha elenkati fl-Anness IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006			

(7) Fit-Tabella għat-Tajlandja, it-tieni kolonna (kolonna b),

"GC010 — GC040" hija sostitwita b' "GC010 — GC030".